MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2003

Numru. 571/2002

PULIZIJA
SPETTUR BERNARD ZARB
VS
JACQUELINE HUGHES
GILMORE CACHIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Jacqueline Hughes ta’ 33 sena bint Charles u Elizabeth nee Calleja imwielda Attard fl-14 ta’ Gunju 1968 residenti 10, Nice House, Xatt ta’ Spinola, San Giljan u detentur tal-karta tal-identita numru 278368M u Gilmore Cachia ta’ 16 il-sena bin Martin u Theresa nee Carabott, imwieled Pieta, fit-3 ta’ Novembru 1983 residenti fi 238, Casa Martina, Triq l-Imhallef W Harding, Pembroke u detentur tal-karta tal-identita numru 038386M talli f’dawn il-gzejjer, fil-11 ta’ Frar 2002 u fiz-zmien ta’ qabel, fil-Belt Valletta, u fi bnadi ohra ta’ dawn il-gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew mahmula b'risoluzzjoni wahda.

Xjentement qeghdu fic-cirkolazzjoni, beighu jew zammew hall-bejgh, jew importaw ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebhin b'qerq u cioe CDs u DVDs u dan bi ksur tal-artikolu 298(1)(f) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampaw, immanifatturaw, idduplikaw, jew mod iehor ipproducew jew ikkupjaw jew bieghu, qassmu jew mod iehor offrew ghal bejgh jew biex jqassmu xi artiklu jew xi haga ohra u cioe CDs u DVDsbi ksur ta' jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur u jkollha persuna ohra u cioe Twentieth Century Fox Film Corporation u socjetajiet ohra, li taghhom is-socjeta Patrick J Galea Advocates rappresentata minn Dr Patrick J Galea LL.D. et hija rappresentanti, protetti bil jew that il-ligi ta' Malta, u dan bi ksur tal-artikolu 298B(1) tal-kap9 tal-Ligijiet ta' Malta.

B'hekk jitqiesu li operaw minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija ghat-tenur ta' LN 120/92.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-14 ta' Jannar 2003 fejn l-imputati ammettew ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghhom il-Qorti ssib lill-imputati hatja skond l-akkuza u wara li rat Art 298(1)(f), 298B(1) tal-kap 9 u LN120/92 u tikkundanna lill-imputata Hughes

ghal multa ta' Lm200 filwaqt li tikkundanna lill-imputat Cachia ghall-multa ta' Lm300.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

--------------------------------TMIEM--------------------------------